26 ta' April, 1952.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Thomas Hedley *versus* Francis Bonaci et.

**Libell — Kwerela — Appell — Art. 425 u 269 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 63 tal-Kap. 117.**

*Kull deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fuq reat taħt il-Liġi ta' l-Istampa hija appellabili f'kull każ mill-Attorney General u mill-parti mputata. Il-kwerelant ma għandux mogħti dan id-dritt ta' appell minn dik il-liġi.*

*Il-kwerelant lanqas jista' jappella taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Kriminali; għax dawk id-dispożizzjonijiet m'humiex applikabili għar-reati ta' inġurja per mezz ta' l-istampa; billi għall-inġurji kommessi per mezz ta' l-istampa hija applikabili biss il-Liġi ta' l-Istampa.*

*Il-kwalifika ta' "traditur" attribwita lill-kwerelant hija nġurjuża, meta ma hix ġustifikata minn dak li ġie espost fl-artikolu nkriminat. Il-maneġġi ostili kontra partit politiku minn min ma għandux ebda rabta ma' dak il-partit ma jammontawx għal tradiment, u għalhekk il-kwalifika ta' traditur, attribwita fl-artikolu nkriminat lill-kwerelant li jkun għamel dawn il-maneġġi, ma tiġġustifikax lill-artikolista li jagħmel dik l-attribuzzjoni.*

*Il-kwalifika ta' "slealtà" mhix libelluża jekk fil-kontest ta' l-artikolu nkriminat ma teċċedix il-limiti tal-komment li huwa permess lill-istampa skond il-ġurisprudenza.*

Il-Qorti, — Fuq l-akkuża miġjuba kontra l-imputati illi fl-aħħar tliet xhur ta' qabel il-kwerela, fil-Ħamrun u bnadijiet oħra; b'artikolu li deher fil-ħarġa ta' "Is-Sebħ" tat-8 ta' Diċembru 1951, nru. 166, fl-ewwel paġina, fl-ewwel u fit-tieni kolonna, liema artikolu jismu "Il-Konslu Amerikan u t-T.O.M.", u jibda bil-kliem "Amerikani f'Malta", miktub mill-imputat Bonaci u publikat u stampat miż-żewġ imputati l-oħra rispettivament, il-kwerelati inġurjaw lill-kwerelant Thomas Hedley, Editur tat-"Times of Malta", il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tas-6 ta' Frar 1952, sabet lill-kwerelati ħatjin talli fil-kwalità fuq indikata, per mezz ta' l-artikolu msemmi fil-kwerela, inġurjaw lill-kwerelant, u wara li rat l-art. 15 (b) u 23 tal-Kap. 117, ikkundannat lil kull wieħed mill-kwerelati għal

multa ta' £5, u li jħallsu solidalment bejniethom l-ispejjeż tal-kawża; u ordnat illi f'ħarġa sussegwenti tal-gazzetta "Is-Sebħ", mhux iżjed tard mit-tieni waħda, jiġi publikat bla ħlas sunt komprensiv ta' dik is-sentenza, għat-termini ta' l-art. 23 ta' l-imsemmi Kapitolu 117 tal-Liġijiet ta' Malta;

Sew il-kwerelant, kemm il-kwerelati, appellaw kontra dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-Avukati;

Fuq l-appell tal-kwerelant, il-Qorti tirrileva li dana talab li jiġi dikjarat li l-kwerelati ingurjawh mhux biss bl-akkuża ta' traditur u ta' slealtà, iżda wkoll f'partijiet oħra ta' l-artikolu inkriminat, u talab li l-Qorti tapplika piena aqwa minn dik li ġiet inflitta;

L-Ewwel Qorti ddeċidiet fuq il-ħtija tal-kwerelati fil-limiti msemmija fis-sentenza appellata, fuq apprezzament tal-provi u tal-fatti. Skond l-art. 63 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet ta' Malta — l-Ordinanza dwar l-Istampa — "kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja fuq reat taħt din l-Ordinanza tista', f'kull każ, tiġi appellata mill-Attorney General u mill-parti misjuba ħatja. Lill-kwerelant ma ġiex mogħti d-dritt ta' l-appell, skond dak l-artikolu, u l-Attorney General f'din il-kawża mhux imdaħħal. Il-kwerelant lanqas ma jista' jinvoka d-dritt ta' l-appell taħt l-art. 425 (1) (b) (v) tal-Kodiċi Kriminali, għax dik id-dispożizzjoni tal-liġi mhix applikabili għall-każ ta' reati kommessi per mezz ta' l-istampa, iżda għall-ingurji kontemplati fl-art. 266 tal-Kodiċi Kriminali; u għall-ingurji kommessi per mezz ta' l-istampa hija applikabili biss l-Ordinanza dwar l-Istampa (Kap. 117), kif espressament igħid l-art. 269 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant l-appell tal-kwerelant ma jgħoddx;

Fuq l-appell tal-kwerelati, il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti sabet lil dawk ħatjin ta' ingurji billi attribwew lill-kwerelant il-kwalifika ta' traditur u sleali. Fl-artikolu inkriminat jingħad:— "Jiena fhimt li l-Amerikani jirrispettaw lil min jiġġieled għad-drittijiet tiegħu u ta' pajjiżu, u jiddisprezzaw it-tradituri". Kif irrilevat l-Ewwel Qorti, l-allegazzjoni hija għall-kwerelant, li huwa l-editur tat-"Times of Malta" u li fuqu sar il-kumment fl-artikolu inkriminat. Dik il-kwalifika li ċertament hija ingurjuża, la hi ġustifikata minn dak

li gie espost fl-artikolu, u lanqas mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet ġustifikata u loġika d-deduzzjoni ta' l-artikolista li l-kwerelant mar jgħawi lill-Konslu Amerikan kontra l-Malta Labour Party u l-mexxejja ta' dan il-Partit; għax il-maneġġi ostili kontra partit politiku minn min miegħu ma għandu ebda rabta ma jammontawx għal tradiment, u għalhekk ma jistgħux qatt jiġġustifikaw il-kwalifika ta' traditur. Fl-artikolu inkriminat dik il-kwalifika lanqas ma ssemmiet bħala xi korollarju dedott minn fatti veri bħala l-opinjoni sempliċi ta' l-artikolista. Divers huwa l-każ tal-kwalifika ġenerika l-oħra ta' slealtà fil-kumpless tal-paragrafu "Editur u Konslu", għax din tinsab spjegata, u għalhekk mitigata fl-artikolu stess bl-osservazzjoni li biha jispiċċa, fejn jgħid :— "X'lealtà ta' nies! Imorru jgħawu nazzjon li għandna bżonn ħafna kontra l-veri mexxejja tal-poplu!" B'hekk l-artikolista wera li l-akkuża ta' slealtà hija sempliċi deduzzjoni, skond ir-raġunament tiegħu, tal-fatt li l-kwerelant mar jgħawi. Id-deduzzjoni tista' tkun żbaljata; iżda lill-qarreija hija poġġuta quddiem għajnejhom b'mod ċar bħala opinjoni dedotta mill-fatt tal-għawi, bla ma żied ebda fatt ġdid ma' dak li kien jifforma l-akkuża prinċipali tal-għawi, u li l-Ewwel Qorti sabet ġustifikata u loġika. B'daqshekk l-akkuża prinċipali tal-għawi ma ġietx aggravata; u, kif jgħid l-Odgers, "if epithets or terms of general abuse be used, which do not add to the sting of the charge, they need not be justified" (On Libel and Slander, p. 150). Għaldaqstant, fil-kontest ta' l-artikolu, dik il-kwalifika ġenerika ma teċċedix il-limiti tal-komment li huwa permess lill-Istampa skond il-Ġurisprudenza;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża, billi tiddikjara irritu u null l-appell tal-kwerelant Hedley, u għalhekk inattendibili; u billi, fis-sens u fil-limiti li ntqalu fuq f'din is-sentenza, tipprovdi l-appell tal-kwerelati billi tiddikjarahom ħatja ta' inġurja, iżda biss talli ikkwalifikaw traditur lill-kwerelant fl-artikolu fuq imsemmi; u f'dan is-sens biss tikkonferma s-sentenza appellata, anki fuq il-piena u fuq l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza; iżda tordna li l-partijiet iħallsu kulħadd l-ispejjeż tiegħu tat-tieni istanza;

It-terminu għall-publikazzjoni tas-sunt tas-sentenza jibda mil-lum, u l-onorarju tad-difensuri huwa fissat 15s. għas-

seduta tal-lum u tad-29 ta' Marzu 1952, u 10s. għas-seduta tat-8 ta' Marzu 1952.

---